MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 367/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Kevin Psaila u Christopher Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati **Kevin Psaila** ta' 22 sena, bin Emmanuel u Lorenza nee' Hili, imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju, 1979 u residenti 96, Springfield, Triq San Vincenz, Hamrun detentur ta' karta ta' identita' numru 252179(M); u

**Christopher Agius**, ta' 18-il sena, bin Anton u Liliana nee' Caruana, imwieled Pieta' fil-5 ta' April 1984 u residenti 45A, Triq Vassalli, Zebbug detentur ta' karta ta' identita' numru 0200684(M); akkuzati talli:

1. fl-20 ta' April 2002, ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofs inhar, fil-Bajja tal-Ghadira, il-Mellieha, ikkommettew serq ta' oggetti, u cioe' 'handbag' li kien fih diversi affarijiet, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment ta' Esther Vella minn San Pawl il-Bahar;

2. f'dawn il-gzejjer, fl-istess data u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkunu ndahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati li ippersistew fiha anke wara li nghata zmien biex jikkonsidraw, issibhom hatja tal-akkuzi kontrihom dedotti. Rat l-Artikoli 261(c), 267, 279, 280, 23 tal-Kap 9. Ikkonsidrat il-fedina penali taghhom. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tilliberhom billi tpoggihom taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------